**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16/2025

**Il-Ħamis 11 ta' Diċembru, 2025**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-18:30.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul Grech – Viċi Sindku

Carmel Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Therise Abela – Kunsillier

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 16.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

16.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Therise Abela kienet bagħtet talba t'apoloġija. Fid-dawl ta' dan, il-kelliem ippropona li din tiġi milqugħa.

16.01.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

16.01.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 14/K9/2025.

16.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 14/K9/2025 kif ippreżentati.

16.02.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

16.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16.03 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/10527/25/I** Email mingħand il-Perit Dieter Falzon fejn informa l-Kunsill li fi Triq Pietru D'Armenia hemm aktar kaptelli miksura u ssuġerixxa li jsiru (Concrete) traffic jersey barriers taħt il-bankina sabiex tkun ta' sigurta' għall-pubbliku u sabiex ma jipparkjawx fuq il-bankina.

**46/10792/25/I** Kwotazzjoni mingħand Blokrete Group għal jersey concrete barriers.

**46/10814/25/I** Kwotazzjoni mingħand Attard Bros Group għal jersey concrete barriers.

**46/10820/25/I** Kwotazzjoni mingħand Bonnici Group għal jersey concrete barriers.

**46/10927/25/I** Kwotazzjoni mingħand Bonnici Group għal jersey concrete barriers.

14.03.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10527/25/I, 46/10792/25/I, 46/10814/25/I, 46/10820/25/I u 46/10927/5/I** fejn informa lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna update mingħand il-Perit minħabba li mhux konvint mill-aħħar proposta tiegħu.

**46/10540/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn ippropona li ssir lampa ġdida fi Trejqa Adeodata Pisani.

14.03.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10540/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob il-parir tal-kuntrattur tal-Kunsill dwar kif tista' issir din il-lampa.

14.03.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.03.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/10645/25/I** Email mingħand l-ERA fejn b'referenza għall-permess ta' qlugħ ta' siġar tal-Yukki minn Triq Manwel Buħagiar talab biex minflok jinżergħu siġar indiġini oħrajn.

14.03.5 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10645/25/I** fejn ippropona li ladarba jitlesta x-xogħol minn IM, il-Kunsill għandu jitkellem mal-kuntrattur tal-Kunsill biex jiġi diskuss x'jista' jitħawwel fil-post u li ma jkunx ta' ħsara għar-retaining wall li hemm. Il-kelliem ippropona wkoll li dawn is-siġar tal-yukka jinqalgħu mill-kuntrattur li qed jagħmel xogħol fuq it-triq bħalissa.

14.03.6 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

14.03.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/10695/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn b'referenza għall-applikazzjoni PA/10116/18 St. Michael School, Triq Alamein, Triq Giorgio Mitrovich, Triq A.N.Z.A.C. - Proposal: To sanction minor changes to layout in existing school as approved in PA 99/06, and proposed internal partitions. To remove provision of parking spaces on Triq ANZAC, talab biex il-Kunsill jerġa' jressaq l-oġġezzjoni tiegħu.

14.03.8 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10695/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill ikompli jinsisti fuq l-oġġezzjonijiet diġa sottomessa mill-Kunsill preċedenti.

14.03.9 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

14.03.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/10708/25/I** Ċirkolari mingħand l-AKL 2025/071 – Sessjoni ta' Informazzjoni li ser issir fid-9 ta' Diċembru bejn il-11.00 u 12.00 online dwar il-proċess tal-ELoGE (European Label of Governance Excellence).

14.03.11 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10708/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill għadu jerġa' jipparteċipa fil-proċess biex jiġi akreditat bl-ELoGE.

14.03.12 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

14.03.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/10737/25/I** Email mingħand The Energy and Water Agency fejn bagħtu rapport bl-analiżi ta' tenders li ġew sottomessa tal-PV's.

14.03.14 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10737/25/I** fejn ippropona li l-Bord tal-Għażla tal-Offerti għandu jiltaqa' nhar it-13 ta' Jannar 2026 fl-10:00am.

14.03.15 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

14.03.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/10767/25/I** Email mingħand Cleansing and Maintenance Division fejn informa l-Kunsill li biex l-istrutturi ta' fejn il-baħar isiru ta' l-stainless steel minnaħa tagħhom, hu ftit impossibbli, u dan għax jiswew spejjeż kbar apparti li jridu jsibu min jaħdimhom.

14.03.17 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10767/25/I** fejn saħaq li dan kien mistenni. Madanakollu l-kelliem irringrazzja lid-Dipartiment li minnufih, wara x-xogħol li kellu jsir, s-sellum reġa' tpoġġa sabiex jitgawda mir-residenti.

14.03.18 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul talab li l-Kunsill jesplora l-possibilità li tali infrastruttura ssir bħal ma sar f'lokalitajiet oħra, possibbilment minn entitajiet oħra konċernata.

14.03.19 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li ser jivverifika dwar dan.

14.03.20 Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrakkomanda li tali xogħol għandu jiġi issuġġeriet ukoll bħala parti mill-proġett ta' Vjal Kulħadd.

**46/10809/25/I** Email mingħand il-Perit Dieter Falzon fejn bagħat żewġ proposti dwar l-iskema Community support Scheme għall-upgrading tal-play equipment tal-Ġnien 4 ta' Lulju.

**46/10916/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn informa lill-Kunsill li għandha ssir l-applikazzjoni u l-Kunsill jipproċedi bl-irħas stima.

**46/10917/25/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn ġiet mitluba l-approvazzjoni tagħhom jekk jaqblux li l-Kunsill jipproċedi bl-applikazzjoni tal-upgrading tal-Ġnien 4 ta' Lulju kif mibghut mis-Sindku.

**46/10918/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn informa l-Kunsill li kif ġa bagħat qabel talab li l-Kunsill jipproċedi bl-applikazzjoni tal-upgrading tal-Ġnien 4 ta' Lulju.

**46/10919/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn informa l-Kunsill li jaqbel li l-Kunsill imexxi bl-applikazzjoni tal-upgrading tal-Ġnien 4 ta' Lulju.

**46/10920/25/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech fejn informa l-Kunsill li fiċ-ċirkostanzi, l-Kunsill għandu jmexxi bl-applikazzjoni tal-upgrading tal-Ġnien 4 ta' Lulju kif inhi.

**46/10926/25/I** Email mingħand The Malta Council for the Voluntary Sector fejn bagħtu ack li rċievew l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt l-iskema Community Support Scheme.

14.03.21 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10809/25/I, 46/10916/25/I, 46/10917/25/O, 46/10918/25/I, 46/10919/25/I, 46/10920/25/I u 46/10926/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni li japplika għal-iskema indikata, inkluż li jekk tali applikazzjoni tiġi approvata, id-differenza bejn dak allokat u l-ispiża stmata, għandha tinħareġ mir-riservi finanzjarji tal-Kunsill.

14.03.22 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

14.03.23 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/10854/25/I** Email mingħand il-Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u l-Ħarsien tal-annimali fejn informaw lill-Kunsill bl-inizjattiva ta' tħawwil ta' palm fil-lokal.

**46/10872/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn informa l-Kunsill li l-Kunsill għandu jipparteċipa fl-inizjattiva ta' tħawwil ta' palm.

**46/10890/25/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjun Lvant fejn b'referenza għall-inizjattiva ta' tħawwil ta' palm, talbu li jekk il-Kunsill ser jieħu sehem, għandu jiġi ndikat dwar kemm hemm bżonn siġar tal-palm.

14.03.24 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10854/25/I, 46/10872/25/I u 46/10890/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipparteċipa f'din l-iskema, dejjem jekk ikun hemm sit adekwat u dan wara konsultazzjoni mal-kuntrattur tal-Kunsill.

14.03.25 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

14.03.26 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/10906/25/I** Kwotazzjoni mingħand is-Sur Jonathan Henwood fejn b'referenza għall-qlugħ ta' siġar mejta minn Misraħ il-Forti, Pembroke, nforma l-Kunsill li l-ħlas tiegħu biex isir survey u applikazzjoni mal-ERA hija ta' €500.

**46/10907/25/I** Email mingħand is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit fejn talab li l-Kunsill jipproċedi bil-kwotazzjoni tas-Sur Jonathan Henwood.

14.03.27 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10906/25/I u 46/10907/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni li tiġi approvata l-istima tas-sur Henwood.

14.03.28 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

14.03.29 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/10929/25/I** Email mingħand Transport Malta fejn bagħat il-kundizzjonijiet imposti biex isiru boundary walls u l-bankini temporanji b'referenza għall-applikazzjonijiet PA/01169/21 u PA3811/24.

14.03.30 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/10929/25/I** fejn saħaq li ġaladarba jinżammu l-kundizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet konċernati, il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni u għalhekk ippropona li tintlaqa din it-talba.

14.03.31 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech issekonda.

14.03.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

16.04.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li l-Kunsillier Raymond Lanzon kien bagħat numru ta' domandi li ser jiġi mwieġba skond kif jitlob l-Att 363:

- **Mistoqsija**: Fuq x'inhuma l-pjanijiet għat-tkomplija tal-latrini tal-Ġnien Madre Teresa ta' Kulkatta? Ix-xogħol ilu wieqaf ħafna. Kellu jsir xogħol ukoll fit-triq ta' fuq il-latrini biex jinstabu u jissolva leakage tad-dranaġġ. Dan suppost beda imma għadu pendenti. Meta sa jitkompla u jitlesta xogħol neċessarju?
- **Tweġiba**: Il-latrina tan-nisa u l-persuni bi bżonnijiet speċjali għandha tkun lesta fil-ġimgħat li ġejja wara li jaslu l-partitions. Dwar il-kumplament, kif dirett mill-Perit tal-Kunsill, ix-xogħol huwa kollu wieqaf sakemm il-WSC isolvu l-problema tad-dranaġġ li hemm fi Triq Napuljun Tagliaferro u li qed joskula fil-kmamar tal-latrina. Ix-xogħol kellu jsir fil-

ġimgħat li għaddew, iżda s'issa għadu ma bediex u għad ma hemm ebda data ndikata ta' meta ser isir.

- **Mistoqsija**: Proġett Passaġġ bejn Triq Alamein u Giorgio Mitrovich. Meta sa jitkompla u jitlesta xogħol? Hemm pjanijiet mid-Dipartiment konċernat?
- **Tweġiba**: Saret laqgħa fuq il-post mal-entitajiet kollha konċernata u ġew solvuti ħafna mill-problemi li kien hemm u issa għad fadal li l-kuntrattur tal-Public Works jipprovdi stima vis-a-vis ix-xogħol li hemm bżonn biex jitbaxxew il-cables tal-Enemalta. Il-kelliem żied li huwa nfurmat li saret laqgħa fil-jiem li għaddew bejn il-kuntrattur u l-Public Works biex jimxu l-quddiem.

## 16.05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

16.05.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kienu saru s-segwenti laqgħat:

- **Laqgħa ma' IM u l-entitajiet dwar ix-xogħol ta' Triq M. Buħaġiar** - Il-laqgħa saret nhar it-Tnejn l-1 ta' Diċembru 2025 fejn għall-Kunsill kien preżenti s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, filwaqt li għal IM kien hemm preżenti l-Perit Massa, l-kuntrattur Ciappara u rappreżentanti tal-WSC, u l-Enemalta. Waqt il-laqgħa l-Kunsill ġie nfurmat li l-bankina n-naħa tar-residenti mhux ser tinqala u ser jinbidel biss fejn ser isiru l-house connections tal-ilma peress li ser isir main ġdid, ser tinbidel il-bankina n-naħa l-oħra fejn ser isir street lighting ġdid u pajpijiet biex il-quddiem jintużaw fil-proġett ta' fuq il-ġibjuni. Saret diskussjoni dwar il-qlugħ ta' siġar tal-yukka li hemm fejn kien hemm qbil li dawn jinqalgħu mill-Kunsill fejn jintuża jew kuntrattur tal-Kunsill jew l-istess kuntrattur li ser ikun qed jagħmel ix-xogħol, iżda dan spejjeż għall-Kunsill.
- **Laqgħa mal-Community Police** – Il-laqgħa saret nhar it-Tnejn l-1 ta' Diċembru 2025 fejn għall-Kunsill kien preżenti s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, filwaqt li għall-Community Police kien preżenti s-Surġent Mintoff. Fil-laqgħa ġew diskussa l-problema tat-traffiku fil-ħinijiet tal-iskejjel, il-ksur tal-liġi tal-vannijiet li jwasslu l-istudenti St. Michael, il-problema tal-klieb mingħajr ċinga fuq is-sit Natura2000 u l-madwar, iż-żgħażagħ li qed jinġabru fil-bandli ta' Ġnien ta' Kalkutta nhar ta' Sibt filgħaxija, u l-kontroll tat-trakkijiet fiż-żona ta' madwar il-proġett tad-db group.
- **AKL online meeting dwar il-Proċess tal-ELoGE: Gwida, Appoġġ u Sessjoni ta' Follow-Up għall-Kunsilli Lokali –** Il-laqgħa saret nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru u għall-Kunsill attenda s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

16.05.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill **Internal Memo 24/2025** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 14/K9/25 u 16/K9/25. **(Ara Dok 01)**

16.05.3 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 24/2025** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-

ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

16.05.4 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

16.05.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

16.05.6 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul Grech informa lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni European Mobility Week, bi spiża stmata ta' €40,000, li jekk tiġi approvata, il-proġett ser jiġi ffinanzjat minn TM.

## 16.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

16.06.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 02, 03, 04, 05, 06 u 07)**

16.06.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif indikat fl-iskeda, inkluż li l-librar għandu jitħallas abbażi tar-rati l-antika sakemm ikun hemm direzzjoni finali mill-AKL.

16.06.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

16.06.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16.07 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

16.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit awguri l-festi t-tajba lill-membri u lir-residenti u għalaq il-laqgħa fis-18:45 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 28 ta' Jannar 2026 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 28 ta' Jannar, 2026**

**IFFIRMAT**

Av. Kaylon Zammit
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
**Segretarju Eżekuttiv**

Triq Alamein, Pembroke, PBK 1776, Malta
+356 2137 2111
pembroke.gov.mt
pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 24/2025** **11 ta' Diċembru 2025**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 14/K9/25 u 16/K9/25

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 281 | 2025 | Carmelino Dimech | Infurmajna li l-kwotazzjoni għal servizz ta' DJ għall-attivita' tal-Milied ġiet aċċettata għall-prezz ta' €200 inkluż il-VAT |
| 282 | 2025 | Backlight ltd | Infurmajna li l-kwotazzjoni għal servizz ta' dawl għall-attivita' tal-Milied ġiet aċċettata għall-prezz ta' €271.40 inkluż il-VAT |
| 283 | 2025 | Sound Tech Malta | Infurmajna li l-kwotazzjoni tiegħek għal sistema ta' sound għall-attivita' tal-Milied ġiet aċċettata għall-prezz ta' €649 inkluż il-VAT |
| 284 | 2025 | MIB Ltd. | Infurmajna li l-kwotazzjoni ta' €428.50 ġiet aċċettata u għaldaqstant qed nitolbok tipproċedi bil-polza |
| 285 | 2025 | Valeria Zammit | Infurmajna li l-kwotazzjoni tiegħek għal serviz ta' fotografija ġiet aċċettata għall-prezz ta' €300.00 |
| 286 | 2025 | Hailey Borg | Infurmajna li l-kwotazzjoni tiegħek għal social media coverage ġiet aċċettata għall-prezz ta' €442.50 inkluż il-VAT |
| 287 | 2025 | Rowena Zammit | Infurmajna li l-Kunsill qed jaċċetta n-nefqa sa massimu ta' €150 sabiex jinxtraw tiżjin tal-Milied inkluż xi affarijiet ta' first aid għal waqt l-attivita' li ser issir nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru 2025 |
| 288 | 2025 | Sarah Zammit Randich | Infurmajna li l-kwotazzjoni għal għajnuna ta' tiżjin tas-sala ġiet aċċettata għall-prezz ta' €190 inkluż il-VAT |
| 289 | 2025 | Sefora Mannino | Infurmajna li l-kwotazzjoni għal event coordination u set up support ġiet aċċettata għall-prezz ta' €578.20 inkluż il-VAT |
| 290 | 2025 | Pullicino Chairs & Tables | Infurmajan li l-kwotazzjoni għal 6 bistro tables bil-covers bojod ġiet aċċettata għall-prezz ta' €127.44 inkluż il-VAT |
| 291 | 2025 | Backlight ltd | Infurmajna li l-kwotazzjoni għal servizz ta' dawl għall-attivita' tal-Milied ġiet aċċettata għall-prezz ta' €634.84 inkluż il-VAT |
| 292 | 2025 | Technoline | Ordni ta' G5 Pads għall-prezz ta' €88.50 inkluż il-VAT |
| 293 | 2025 | J&K Contractor | Tlabna sabiex titkompla l-bankina ta' Triq il-Mediterran għall-prezz ta' €68,016.66 |
| 294 | 2025 | Dieter Falzon | Tlabna sabiex jipprepara BOQ tax-xogħol t'upgrading li hemm bżonn isir fiż-żona tal-play area u l-outdoor gym |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | equipment fi Ġnien 4 ta' Lulju, inkluż xogħol ieħor anċillari li jaf hemm bżonn. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika taħt l-iskema tal-Community Support (CSS) |
| 295 | 2025 | Dieter Falzon | Infurmajna li l-Kunsill qed jitolob sabiex issir oġġezzjoni f'isem il-Kunsill għall-applikazzjoni PA 07224/25 |
| 296 | 2025 | Dieter Falzon | Tlabna joggezzjona ghal PA07224/25 Boathouse ix-Xatt ta' San Gorg |
| 297 | 2025 | Mica Med | Tlabna sabiex jinstalla lampa fuq arblu fi Triq Alamein kantuniera ma' Triq Serafin Zarb |
| 298 | 2025 | Dieter Falzon | Seduta l-PA re PA/10116/18 - St Michael School - To sanction alteration and remove parking |
| 299 | 2025 | Jonathan Henwood | Rapport u applikazjozin lill-ERA biex jinqalgħu siġar mejta f'Misraħ il-Fortizza |
| 300 | 2025 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa W160 li tinsab fil-parkeġġ bejn l-iskola St. Michael u l-STC fi Triq Alamein |
| 301 | 2025 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa W162 li tinsab fil-parkeġġ bejn l-iskola St. Michael u l-STC fi Triq Alamein |
| 302 | 2025 | Neil Farrugia | Filmat bi drone għall-attivita' tal-Milied ta' tqassim ta' rigali għat-tfal li ser issir nhar it-Tlieta 23 ta' Diċembru 2025 bejn il-5.30pm u 8.30pm |

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Av. Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**